Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna pt ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

il-Portugiż

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: en diġà ġew tradotti.

Swipe to change

Assikurazzjoni tal-assi waqt klejm fil-pajjiżi tal-UE

Portugall

1 X'inhuma t-tipi differenti ta' miżuri?

Il-miżuri interim u kawtelatorji huma intiżi għall-protezzjoni ta' ċerti sitwazzjonijiet legali, u jistgħu jinkludu: a) miżuri interim fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas legali għal adulti akkumpanjati previst mil-Liġi Nru 49/2018 tal-14 ta' Awwissu 2018; b) il-kurazija proviżorja tal-proprjetà ta' persuna assenti (l-Artikolu 1021 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); c) il-ħatra ta' kuratur *ad litem* (l-Artikolu 17 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); jew d) miżuri neċessarji għall-protezzjoni ta' proprjetà li tikkostitwixxi patrimonju battal (l-Artikolu 938 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-għan tal-miżuri kawtelatorji (eż. dawk previsti fl-Artikoli 362 *et seq* tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) huwa li jiġi eliminat ir-riskju ta' ħsara serja u irreparabbli lil pretensjoni fil-pendenzi tal-proċedimenti (*periculum in mora*) u sabiex jiġi żgurat li s-sentenza finali tkun tista' tiġi eżegwita (l-Artikolu 2 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ħlief meta l-qorti tordna t-tneħħija tar-responsabbiltà għall-preżentata tal-kawża prinċipali (*inversão do contencioso*), il-proċedimenti kawtelatorji jiddependu fuq kawża ppreżentata sabiex tiġi stabbilita l-pretensjoni protetta mill-miżura kawtelatorja (l-Artikolu 364 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili); dawn jissalvagwardjaw jew jantiċipaw proviżorjament l-effetti tal-miżura finali, fuq is-suppożizzjoni li d-deċiżjoni mogħtija fil-proċedimenti prinċipali se jkunu favorevoli għar-rikorrent.

Ir-riskju ta' ħsara (*periculum in mora*) jippermetti lil-qorti li tieħu konjizzjoni b'mod preliminari u sommarju ta' relazzjoni legali sostantiva, li sussegwentement ikollha tiġi eżaminata f'aktar dettall. Meta din il-konjizzjoni preliminari tkun favorevoli għar-rikorrent, jiġu ordnati miżuri bl-għan li tinkiseb salvagwardja kontra r-riskju.

Il-miżuri kawtelatorji huma maħsuba biex jiżguraw l-eżitu prattiku tal-azzjoni, biex tiġi evitata ħsara serja jew biex tiġi antiċipata l-eżekuzzjoni tad-dritt, filwaqt li jinkiseb bilanċ, bl-aħjar mod possibbli, bejn l-interessi tar-rapidità u taċ-ċertezza legali.

Id-dritt proċedurali ċivili Portugiż jipprevedi żewġ tipi ta' miżuri kawtelatorji:

a) miżuri kawtelatorji komuni (l-Artikoli 362 sa 376 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

b) miżuri kawtelatorji speċifiċi (l-Artikoli 377 sa 409 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Dawk tal-ewwel huma rregolati mill-Artikolu 362 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, li jistabbilixxi li meta persuna turi biża' ġustifikata li persuna oħra tista' tikkawża ħsara serja u irreparabbli lill-pretensjoni tagħha, u jekk ma tkun tapplika l-ebda waħda mill-miżuri kawtelatorji stabbiliti mil-liġi, din tista' titlob il-miżura preventiva jew antiċipatorja adegwata sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tad-dritt li jkun f'riskju (l-Artikolu 362(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). It-talba tar-rikorrent tista' tkun ibbażata fuq dritt eżistenti jew fuq dritt stabbilit mill-qorti fi proċedimenti pendenti jew li se jitressqu (l-Artikolu 362(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-miżuri kawtelatorji komuni ma humiex applikabbli meta l-intenzjoni tkun li tinkiseb salvagwardja kontra r-riskju ta' ħsara kopert espressament minn waħda mill-miżuri speċifiċi (l-Artikolu 362(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-miżuri kawtelatorji speċifiċi huma dawk stabbiliti espressament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jew f'leġiżlazzjoni separata.

Il-miżuri kawtelatorji speċifiċi li ġejjin huma stabbiliti fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż:

a) ir-restituzzjoni proviżorja tas-sjieda (l-Artikolu 377 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

b) is-sospensjoni ta' deċiżjonijiet korporattivi (l-Artikolu 380 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

c) il-manteniment proviżorju (l-Artikolu 384 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

d) id-danni proviżorji (l-Artikolu 388 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

e) il-qbid (l-Artikolu 391 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

f) l-inibizzjonijiet fuq xogħlijiet ġodda (l-Artikolu 397 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

g) l-iffriżar tal-assi (l-Artikolu 403 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

2 X'inhuma l-kundizzjonijiet biex jittieħdu dawn il-miżuri?

Meta persuna turi biża' ġustifikata li persuna oħra tista' tikkawża ħsara serja u irreparabbli lid-drittijiet tagħha, hija tista' titlob il-miżura preventiva jew antiċipatorja adegwata sabiex tiżgura l-effettività tad-dritt li jkun f'riskju (l-Artikolu 362(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). It-talba tar-rikorrent tista' tkun ibbażata fuq dritt eżistenti jew fuq dritt stabbilit mill-qorti fi proċedimenti pendenti jew li se jitressqu (l-Artikolu 362(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-miżuri ta' dan it-tip jiġu ordnati jekk ikun hemm probabbiltà għolja li d-dritt ikun reali u jekk ikun hemm riskju suffiċjentement fondat li jista' jinkiser (l-Artikolu 368(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-miżuri jistgħu, madankollu, jiġu rifjutati mill-qorti jekk il-ħsara lill-intimat li tirriżulta mir-rikors tiegħu tkun teċċedi konsiderevolment il-ħsara li r-rikorrent ikun jixtieq jevita permezz tal-użu tal-miżura (l-Artikolu 368(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Il-miżuri kawtelatorji komuni jistgħu jintalbu biss meta ma jkun hemm l-ebda miżura kawtelatorja speċifika li tkun adegwata għall-fatti tal-każ (l-Artikolu 362(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

B'hekk, il-**miżuri preventivi mhux speċifikati** msemmijin fl-Artikolu 362 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għandhom il-prekondizzjonijiet legali li ġejjin:

a) l-eżistenza apparenti ta' dritt;

b) il-biża' fondata sewwa li persuna oħra tista' tikkawża ħsara gravi u irreparabbli għad-dritt tagħhom (*periculum in mora*);

c) l-idoneità prattika tal-miżura kawtelatorja jew antiċipatorja għall-iżgurar tal-effettività tad-dritt fil-periklu;

d) il-miżura li trid tinkiseb ma tridx tkun koperta minn proċeduri kawtelatorji oħra.

Sabiex il-qorti tordna miżuri kawtelatorji, huwa biżżejjed għaliha li jkun jidhrilha minn eżami ħafif li hemm prova ċara tad-dritt pretiż (*fumus bonis juris*) u biża' ġustifikata li ż-żmien iddedikat sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima jista' jikkawża ħsara irreparabbli jew ħsara li diffiċilment tiġi reparata (*periculum in mora*).

L-imħallef irid ikun suffiċjentement konvint li l-eżitu tal-kawża prinċipali se jkun favur ir-rikorrent, peress li miżuri kawtelatorji jinvolvu interferenza ċara mas-sitwazzjoni legali tal-intimat (l-Artikolu 368(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Fir-rigward ta' **miżuri kawtelatorji speċifiċi**:
a) **Restituzzjoni proviżorja tas-sjieda**: Fil-każ ta' serq vjolenti, is-sid jista' jitlob li l-proprjetà tiegħu tiġi rritornata lilu proviżorjament, filwaqt li jallega l-fatti li jikkostitwixxu l-pussess, is-serq u l-vjolenza. L-imħallef jista' jordna r-restituzzjoni mingħajr ma jħarrek jew jisma' lill-ħalliel jekk jemmen, wara li jeżamina l-evidenza, li r-rikorrent kellu l-pussess tal-oġġett u li dan insteraq mingħandu bi vjolenza (l-Artikoli 377, 378, u 379 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
b) **Sospensjoni ta' deċiżjonijiet korporattivi**: Jekk kwalunkwe tip ta' assoċjazzjoni jew kumpanija tieħu riżoluzzjonijiet li jmorru kontra l-liġi jew kontra l-Istatut ta' Assoċjazzjoni, kwalunkwe sieħeb jista', fi żmien għaxart ijiem (li jibdew minn dakinhar tal-laqgħa li fiha jkunu ttieħdu r-riżoluzzjonijiet jew minn dakinhar li kiseb konjizzjoni tagħhom ir-rikorrent, jekk ma kienx imsejjaħ għal-laqgħa), jitlob is-sospensjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-riżoluzzjonijiet. Huwa jkollu jissostanzja r-rwol tiegħu bħala sieħeb u jipprova li l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tista' toħloq ħsara konsiderevoli. Ir-rikors irid ikun akkumpanjat minn kopja tal-minuti fejn ikunu ttieħdu r-riżoluzzjonijiet u, fejn laqgħa ma hijiex meħtieġa mil-liġi, il-kopja ta' dawn il-minuti tiġi ssostitwita minn prova dokumentarja tar-riżoluzzjoni (l-Artikoli 380 sa 383 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
c) **Manteniment proviżorju**: Persuna intitolata għall-manteniment tista' titlob l-iffissar tal-ammont mensili li għandha tirċievi fil-forma ta' manteniment proviżorju, dment li ma jkunx għadu sar l-ewwel ħlas definittiv. Ladarba l-qorti tirċievi r-rikors għal manteniment proviżorju, tiġi ffissata ġurnata għas-seduta u l-partijiet jiġu avżati li jenħtieġ li jidhru personalment jew ikunu rappreżentati minn persuna li jkollha prokura bis-setgħat speċjali li tilħaq ftehim. Id-difiża titressaq waqt is-seduta nnifisha u l-imħallef jagħmel ħiltu biex isib qbil dwar l-iffissar tal-manteniment, li mbagħad ikun approvat mis-sentenza (l-Artikoli 384 sa 387 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Fl-assenza ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet jew jekk it-tentattiv biex jintlaħaq ftehim ma jirnexxix, l-imħallef jordna l-ġbir tal-provi qabel ma jagħti sentenza orali li għandha tkun sostnuta minn motivazzjoni fil-qosor (l-Artikolu 385(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
d) **Danni proviżorji:** B'rabta ma' talbiet għad-danni naxxenti minn mewt jew korriment fil-ġisem, il-parti leża u dawk li jistgħu jkunu intitolati għal manteniment mingħandha, kif ukoll dawk li l-parti leża ħallsithom manteniment f'konformità ma' obbligu naturali, jistgħu jitolbu l-għoti ta' ammont monetarju partikolari fil-forma ta' somma mensili bħala kumpens proviżorju għall-korriment. L-imħallef jagħti l-miżura mitluba dment li jkun hemm evidenza ta' sitwazzjoni ta' bżonn minħabba l-korrimenti mġarrba u evidenza tal-obbligu tal-intimat li jipprovdi kumpens. L-ammont tal-kumpens proviżorju, li jittieħed inkunsiderazzjoni fis-saldu finali tad-danni, jiġi ddeterminat b'mod ekwu mill-qorti. Dan japplika wkoll għall-każijiet fejn it-talba għad-danni tkun ibbażata wkoll fuq ħsara li tista' tippreġudika b'mod serju is-sussistenza jew l-arranġamenti tal-għajxien tal-parti leża. Il-punti msemmijin aktar 'il fuq relatati mal-manteniment proviżorju japplikaw ukoll *mutatis mutandis* għall-ipproċessar ta' din il-miżura (l-Artikoli 388 sa 390 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
e) **Qbid:** Il-qbid jippermetti lil kreditur li jkun ġustifikabbilment beżgħan li jitlef l-assi li jiggarantulu l-pretensjoni tiegħu biex jikseb il-qbid ġudizzjarju tal-assi. Ir-rikorrent għall-qbid jippreżenta l-fatti li jsostnu l-pretensjoni u jiġġustifikaw l-allegat riskju, filwaqt li jelenka l-assi li jridu jinqabdu flimkien mal-informazzjoni kollha neċessarja biex jiġi eżegwit il-qbid. Jekk jintalab qbid kontra x-xerrej tal-proprjetà tad-debitur, ir-rikorrent, jekk ix-xiri ma jkunx ippruvat li kien ikkontestat b'mod ġudizzjarju, xorta jrid jippreżenta l-fatti li jirrendu probabbli s-suċċess tal-kontestazzjoni (l-Artikoli 391 sa 396 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Wara li jiġu eżaminati l-provi, jiġi ordnat il-qbid mingħajr is-smigħ tal-parti l-oħra, sakemm ir-rekwiżiti legali jkunu meqjusa li ġew issodisfati (l-Artikolu 393(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Fil-każ ta' qbid ta' bastimenti jew il-merkanzija tagħhom, ir-rikorrent huwa responsabbli biex juri, filwaqt li jissodisfa r-rekwiżiti ġenerali, li l-qbid huwa permissibbli meta wieħed iqis in-natura tal-pretensjoni (l-Artikolu 394(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'dan il-każ, il-qbid ma jseħħx jekk id-debitur jipprovdi garanzija aċċettabbli lill-kreditur immedjatament jew, fi żmien jumejn, l-imħallef iqis li jkun xieraq li t-tluq tal-bastiment jitwaqqaf sakemm tiġi pprovduta garanzija (l-Artikolu 394(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
f) **Inibizzjoni ta' xogħlijiet ġodda:** Kull min iħoss li d-dritt tiegħu għal proprjetà jew koproprjetà jew kwalunkwe dritt ieħor *in rem* jew *in personam* ta' użu jew ta' proprjetà qiegħed jinkiser minħabba xogħlijiet ġodda jew servizz ġdid li jikkawżalu jew jista' jikkawżalu telf, jista' jitlob, fi żmien 30 jum minn dakinhar li jsir jaf bil-fatt, is-sospensjoni immedjata tax-xogħlijiet jew tas-servizz. Ir-rikorrent jista' jimponi wkoll l-inibizzjoni direttament b'mod ekstraġudizzjarju billi jinnotifika lill-iżviluppatur, jew fin-nuqqas ta' dan, lill-persuna inkarigata jew lis-sostitut tiegħu, quddiem żewġ xhieda, biex iwaqqaf ix-xogħlijiet. Din l-inibizzjoni ekstraġudizzjarja ma għandha l-ebda effett jekk ma tintalabx konferma mill-qorti fi żmien ħamest ijiem (l-Artikoli 397 sa 402 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
g) **Iffriżar tal-assi:** Meta jkun hemm biża' raġonevoli ta' telf, ħabi jew dissipazzjoni ta' assi mobbli jew immobbli jew dokumenti, jista' jintalab l-iffriżar tal-assi. Dan jiddependi fuq l-azzjoni sabiex jiġu speċifikati l-assi jew fuq il-prova tas-sjieda tad-drittijiet għall-assi ffriżati (l-Artikoli 403 sa 409 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Din il-miżura tista' tintalab minn kull persuna li jkollha interess fil-konservazzjoni tal-assi jew tad-dokumenti, minkejja li l-kredituri jistgħu jitolbuha biss f'każijiet fejn din tkun neċessarja biex jiġi żgurat wirt. Ir-rikorrent jeħtieġlu jipprova fil-qosor id-dritt relatat mal-assi u l-fatti li l-biża' mit-telf jew id-dissipazzjoni tagħhom hija msejsa fuqhom. Jekk id-dritt relatat mal-assi jiddependi fuq kawża pendenti jew kawża li tressqet, ir-rikorrent ikollu jikkonvinċi lill-qorti bil-probabbiltà tal-validità tar-rikors inkwistjoni. Ladarba jiġu pprovduti l-provi meħtieġa, l-imħallef jikkonċedi l-miżuri jekk jemmen li mingħajrhom l-interess tar-rikorrent ikunu f' riskju serju.

2.1 Il-proċedura

Ħlief għall-inibizzjoni fuq xogħlijiet ġodda, li tista' tittieħed azzjoni ekstraġudizzjarja inizjali għalihom li tiġi segwita minn rikors għall-konferma mill-qorti (l-Artikolu 397(2) u (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-miżuri kawtelatorji l-oħra kollha huma bbażati fuq rikors inizjali quddiem il-qorti fejn ir-rikorrent jipprovdi provi sommarji tad-dritt fil-periklu u jiġġustifika l-biża' minn ħsara. F'dan ir-rikors, tintbagħat il-lista tax-xhieda u tintalab evidenza oħra, b'limitu ta' ħames xhieda, f'konformità mal-Artikolu 365 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.
Jekk issir talba f'dan is-sens, fid-deċiżjoni li tordna l-miżura l-imħallef jista' jwarrab ir-responsabbiltà tar-rikorrent li jippreżenta l-kawża prinċipali jekk il-provi prodotti fil-proċedimenti jkunu jsostnu l-konvinzjoni soda li d-dritt protett huwa reali u jekk in-natura tal-miżura ordnata tkun adatta sabiex issolvi t-tilwima (l-Artikolu 369(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Din l-eżenzjoni tista' tintalab sa tmiem is-seduta finali. F'każijiet fejn ma ssirx seduta *inter partes* preċedenti, l-intimat jista' joġġezzjona għat-tneħħija tar-responsabbiltà li titressaq kawża kontestwalment mal-kontestazzjoni tal-miżura ordnata (l-Artikolu 369(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Ir-regoli dwar it-tneħħija tar-responsabbiltà japplikaw *mutatis mutandis* għar-restituzzjoni proviżorja tal-proprjetà, is-sospensjoni ta' deċiżjonijiet korporattivi, il-manteniment proviżorju, l-inibizzjonijiet fuq xogħlijiet ġodda u miżuri ġodda oħra previsti f'leġiżlazzjoni separata li, fin-natura tagħha, tippermetti s-soluzzjoni finali tat-tilwima (l-Artikolu 376(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Fejn ma teżisti l-ebda dispożizzjoni fil-liġi sabiex tiġi ordnata miżura kawtelatorja mingħajr is-smigħ tal-intimat, l-intimat jinstema' mill-qorti, sakemm is-smigħ ma jkunx jesponi l-għanjjiet jew l-effettività tal-miżura għal riskju serju (l-Artikolu 366(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Meta jinstema' qabel ma tiġi ordnata l-miżura, l-intimat jitħarrek biex jippreżenta oġġezzjoni fi żmien għaxart ijiem. It-taħrika tiġi ssostitwita minn notifika meta l-intimat ikun diġà ġie mħarrek fil-kawża prinċipali (l-Artikolu 366(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Meta tiskadi l-iskadenza għall-preżentata ta' oġġezzjoni u l-intimat ikun instema', fejn ikun xieraq, jiġu prodotti l-provi meħtieġa jew iddeterminati mill-qorti (l-Artikolu 367(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Jekk l-intimat ma jkunx instema' u l-miżura ma tkunx ordnata, l-intimat jiġi nnotifikat biss b'dik id-deċiżjoni wara li tkun ittieħdet (l-Artikolu 366(6) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Wara n-notifika huwa jkun intitolat jappella, f'termini ġenerali, kontra l-ordni jekk iqis li, fid-dawl tal-fatti, ma kellhiex tingħata. Huwa jista'

wkoll jippreżenta oġġezzjoni jekk ikun jixtieq jippreżenta fatti jew jipproduċi provi li ma ttiħdux inkunsiderazzjoni mill-qorti u li jistgħu jxejnu r-raġunijiet għall-miżura kawtelatorja jew inaqqsuhom (l-Artikolu 372(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
L-intimat jista' jikkontesta, b'kull mezz imsemmi iktar 'il fuq, id-deċiżjoni biex tinqeleb ir-responsabbiltà għall-preżentata ta' kawża (l-Artikolu 372(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk l-intimat jippreżenta oġġezzjoni, il-qorti trid tiddeċiedi jekk iżżommx, tnaqqasx jew tirtirax il-miżura ordnata. Din id-deċiżjoni u, meta jkun applikabbli, iż-żamma jew l-irtirar tat-tneħħija tar-responsabbiltà għall-preżentata ta' kawża tista' tiġi appellata u, meta jkun xieraq, iridu jiġu prodotti l-provi meħtieġa jew determinati mill-qorti *ex officio* (l-Artikolu 372(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni territorjali, l-Artikolu 78 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jiddikjara li:
a) rikorsi għall-qbid u l-iffriżar ta' assi jistgħu jsiru fil-qorti fejn iridu jinfetħu l-proċedimenti relatati, jew fil-post fejn jinsabu l-assi jew, jekk ikun hemm assi f' għadd ta' distretti, f'wieħed minnhom (l-Artikolu 78(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
b) għal inibizzjoni fuq xogħlijiet ġodda, il-qorti tal-post fejn ikun se jsir ix-xogħol ikollha l-ġuriżdizzjoni (l-Artikolu 78(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
c) għall-miżuri kawtelatorji l-oħrajn, il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni hija l-qorti fejn trid tinfetaħ il-kawża relatata (l-Artikolu 78(1)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Jekk ir-responsabbiltà għall-preżentata tal-kawża ma tinqalibx, il-proċedimenti jingħaqdu mal-atti malli titressaq il-kawża; jekk il-kawża tkun tressqet f'qorti oħra, tingħadda hemmhekk u dik il-qorti jkollha l-ġuriżdizzjoni esklużiva fuq il-passi li jmiss (l-Artikolu 78(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Jekk jintalbu miżuri kawtelatorji waqt li tkun pendenti kawża, it-talba trid tiġi ppreżentata quddiem il-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża korrispondenti, sakemm il-kawża ma tkunx fl-istadju tal-appell. F'dak il-każ, il-konsolidazzjoni ssir biss meta jispiċċaw il-proċedimenti jew meta l-atti tal-kawża prinċipali jiġu rritornati lill-qorti tal-prim'istanza (l-Artikolu 364(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Ir-rappreżentanza minn avukat hija mandatorja meta l-valur tal-miżura jeċċedi EUR 5,000.00 jew meta huma ammissibbli l-appelli, skont l-Artikoli 58 u 1090 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili flimkien mal-Artikolu 44(1) tal-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja.
Il-valur tal-miżuri kawtelatorji jiġi iddeterminat kif ġej:
a) għall-manteniment proviżorju u ħsarat proviżorji, abbażi tal-pagament mensili mitlub, immultiplikat bi tnax (l-Artikolu 304(3)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
b) għar-restituzzjoni proviżorja tal-proprjetà, abbażi tal-valur tal-oġġett li s-sid ġie mċaħħad minnu (l-Artikolu 304(3)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
c) għas-sospensjoni ta' deċiżjonijiet korporattivi, abbażi tal-estent tat-telf (l-Artikolu 304(3)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
d) għall-inibizzjonijiet ta' xogħlijiet ġodda u miżuri kawtelatorji mhux speċifikati, abbażi tat-telf li jrid jiġi evitat (l-Artikolu 304(3)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
e) għall-qbid, abbażi tal-ammont tal-pretensjoni li trid tiġi ggarantita (l-Artikolu 304(3)(e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
f) għall-iffriżar tal-assi, abbażi tal-valur tal-assi kkonċernati (l-Artikolu 304(3)(f) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

2.2 Il-kundizzjonijiet ewlenin

Fil-valutazzjoni tal-kriterji biex tordna miżura kawtelatorja, il-qorti trid teżamina dejjem jekk il-biża' invokata hijiex fondata sew u kemm ikun serju u diffiċli li tirrimedja l-ħsara potenzjali. Hija tivvaluta wkoll jekk il-miżura kawtelatorja jew antiċipatorja tkunx xierqa fil-każ speċifiku kkonċernat, bil-ħsieb li jkun issalvagwardjat id-dritt li allegatament ikun fil-periklu. Trid tistabbilixxi li hemm riskju marbut ma' kwalunkwe dewmien.
Hija teżamina wkoll jekk il-proċedimenti jkunux effettivament jew potenzjalment dipendenti fuq kawża miftuħa jew li se tinfetaħ abbażi tad-dritt protett mill-miżura.
F'dan it-tip ta' proċediment, hija l-qorti li trid tikseb provi sommarji (jiġifieri inqas rigoruži milli fil-proċedimenti prinċipali) li hemm probabbiltà reali li d-dritt li jrid ikun salvagwardat jeżisti u li l-biża' li jinkiser huwa suffiċjentement iġġustifikat.
Il-miżuri kawtelatorji kollha jitqiesu bħala urġenti, u jieħdu prijorità fuq kwalunkwe att ġudizzjarju ieħor li ma jkunx urġenti (l-Artikolu 363(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), u jridu jkunu deċiżi fl-prim'istanza fi żmien ta' mhux aktar minn xahrejn jew, jekk l-intimat ma jkollux għalfejn jiġi mħarrek, fi żmien 15-il jum (l-Artikolu 363(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

3 L-għan u n-natura ta' dawn il-miżuri?

3.1 X'tipi ta' assi jistgħu jkunu suġġetti għal dawn il-miżuri?

Drittijiet u proprjetà mobbli u immobbli li ma humiex totalment jew parzjalment eskluži mil-liġi jistgħu jkunu suġġetti għal miżuri kawtelatorji.

3.2 X'inhuma l-effetti ta' dawn il-miżuri?

Peress li huma ordnati mill-qrati, il-miżuri kawtelatorji huma vinkolanti fuq l-entitajiet pubbliċi u privati kollha u jieħdu preċedenza fuq miżuri adottati minn kwalunkwe awtorità oħra (l-Artikolu 205(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Portugiża). Kull persuna li tikser il-miżura kawtelatorja ordnata tesponi ruħha għall-penali għal diżubbidjenza kkwalifikata, minkejja kull miżura ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 375 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

3.3 X'inhi l-validità ta' dawn il-miżuri?

Minkejja li r-rikorrent jiġi eżentat mir-responsabbiltà li jippreżenta l-kawża prinċipali, l-Artikolu 373 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi li l-proċedimenti kawtelatorji jiġu fi tmiemhom u kull miżura ordnata tiskadi:
a) jekk ir-rikorrent ma jippreżentax il-kawża li l-miżura tiddependi fuqha fi żmien 30 jum minn dakinhar li jkun ġie nnotifikat li d-deċiżjoni li tordna l-miżura saret finali (l-Artikolu 373(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
b) jekk, wara li tiġi ppreżentata l-kawża, il-proċedimenti twaqqfu għal aktar minn 30 jum minħabba n-negliġenza tar-rikorrent (l-Artikolu 373(1)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
c) jekk il-kawża tiġi miċħuda minn deċiżjoni finali (l-Artikolu 373(1)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
d) jekk il-kawża tiġi miċħuda fuq bażi proċedurali u r-rikorrent ma jippreżentax kawża ġdida fil-ħin sabiex jibbenefika mill-effetti tal-kawża preċedenti (l-Artikolu 373(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
e) jekk id-dritt li r-rikorrent ifittex li jissalvagwardja skada (l-Artikolu 373(1)(e) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Minkejja r-regoli tad-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova, malli d-deċiżjoni li tordna l-miżura kawtelatorja u li tħassar ir-responsabbiltà tal-preżentata tal-kawża ssir finali, l-intimat jiġi nnotifikat li kwalunkwe kawża biex jikkontesta l-eżistenza tad-dritt protett trid tinfetaħ fi żmien 30 jum min-notifika, inkella l-miżura titqies bħala li ssolvi t-tilwima (l-Artikolu 371(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
L-istess dispożizzjoni tapplika meta, wara li tinfetaħ il-kawża, il-proċedimenti jieqfu għal aktar minn 30 jum minħabba n-negliġenza tar-rikorrent jew jekk il-kawża tiġi miċħuda fuq bażi proċedurali u r-rikorrent ma jippreżentax kawża ġdida fil-ħin sabiex jibbenefika mill-effetti tal-kawża preċedenti (l-Artikolu 371(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Malli tingħata deċiżjoni finali fil-kawża, il-miżuri kawtelatorji jiskadu (l-Artikolu 371(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

4 Hemm possibilità li l-miżura tiġi appellata?

L-appelli ordinarji huma ammissibbli meta l-valur tal-miżuri jeċċedi l-limitu tal-qorti li d-deċiżjoni tkun qed tiġi appellata quddiemha u d-deċiżjoni kkontestata tkun żvantaġġuża għall-parti li tkun qed tappella b'aktar minn nofs dan l-ammont (l-Artikolu 629(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jistgħu dejjem jiġi

ppreżentati appelli wkoll kontra deċiżjonijiet marbuta mal-valur tal-miżuri kawtelatorji fuq il-bażi li l-valur jeċċedi l-limitu tal-qorti li ħadet id-deċiżjoni kkontestata (l-Artikolu 629(3)(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u kontra ċaħdiet preliminari ta' rikorsi inizjali għal miżuri kawtelatorji (l-Artikolu 629(3)(c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Id-deċiżjonijiet li jordnaw it-tneħħija tar-responsabbiltà għall-preżentata tal-kawża jistgħu jiġu appellati biss flimkien ma' appelli kontra deċiżjonijiet dwar il-miżura mitluba; id-deċiżjonijiet biex tiġi miċħuda t-tneħħija huma finali u ma jistgħux jiġu appellati (l-Artikolu 370(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Ma jistgħux isiru appelli quddiem il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Supremo Tribunal de Justiça*) kontra deċiżjonijiet li jordnaw miżuri kawtelatorji, inklużi dawk li jordnaw it-tneħħija tar-responsabbiltà għall-preżentata tal-kawża, mingħajr preġudizzju għall-kawżi fejn appell ikun ammissibbli dejjem (l-Artikolu 370(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Deċiżjoni kawtelatorja tista' tiġi kkontestata minn:
kwalunkwe parti fil-proċedimenti li titlef il-kawża (l-Artikolu 631(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);
kull persuna li ma hijiex parti fil-proċedimenti iżda li ġġarrab ħsara diretta u reali minnhom (l-Artikolu 631(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Il-qorti li jkollha l-ġuriżdizzjoni li tisma' l-appell hija qorti tas-sekonda istanza fl-istess distrett ġudizzjarju fejn tinsab il-qorti li tat id-deċiżjoni kkontestata.
Il-limitu taż-żmien għall-preżentata ta' appell huwa ta' 15-il jum min-notifika tad-deċiżjoni (l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Jekk l-appell ikun jikkonċerna wkoll ir-rieżami ta' evidenza rreġistrata, il-limitu taż-żmien jiżdied b'għaxart ijiem (l-Artikolu 638(7) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).
Appell ippreżentat kontra ordni li tiċħad b'mod totali jew li ma tordnax il-miżura għandu effett sospensiv (l-Artikolu 647(3)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). F'każijiet oħra din ikollha effett purament devoluttiv.

Leġiżlazzjoni applikabbli

Il-Liġi Nru 41/2013 tas-26 ta' Ġunju 2013 - Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili
Il-Liġi Nru 62/2013 tas-26 ta' Awwissu 2013 – Il-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tas-Sistema Ġudizzjarja

Links relatati

Tista' tikseb aktar informazzjoni mis-siti li ġejjin:
Il-Portal tal-Ġustizzja
Id-Direttorat Ġenerali għall-Politika tal-Ġustizzja
Il-Portal CITIUS
Il-Bażi tad-*data* tad-Dokumenti Ġuridiċi
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Portugall

Nota:

Il-Punt ta' Kuntatt NĠE-Ċivili, il-qrati jew l-entitajiet u l-awtoritajiet l-oħrajn ma humiex marbutin bl-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva. Għalkemm tiġi aġġornata fuq bażi regolari, din l-iskeda informattiva ma tiħux post il-ħtieġa li tinqara l-leġiżlazzjoni rispettiva fis-seħħ u tista' tkun soġġetta għal bidliet fl-interpretazzjoni mill-ġurisprudenza.

L-aħħar aġġornament: 11/07/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.